MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1033/2005

**Gasan Mamo Insurance Ltd – C3413 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Joseph Grech u l-istess Joseph Grech (ID: 448859 M)
Vs
Paul Galea**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fl-10 ta' Mejju, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta' Lm 117.88 (mija u sbatax-il lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu) rappreżentanti danni kkaġunati f'inċident stradali f'Raħal Ġdid, nhar is-27 ta' Ottubru, 2003.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

Il-konvenut huwa debitur ta' l-atturi fis-somma ta' 117.88 (mija u sbatax-il lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu) u dana in kwantu għas-somma ta' Lm 92.88 (tnejn u disgħin lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu) lis-

soċjeta' attriċi u in kwantu għas-somma ta' Lm 25 (ħamsa u għoxrin lira Maltija) lill-attur Josephi Grech rappreżentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru FBC 691 fis-27 ta' Ottubru, 2003 ġewwa Raħal Ġdid, ħabat mal-vettura numru EBF 714 propjeta' ta' l-attur Joseph Grech u misjuqa minnu Mary Josephine Grech u kkaġuna danni f'din l-istess vettura.

Dan l-inċident huwa għalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tiegħu kien wieħed negliġenti u traskurat.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' l-ittra uffiċjali datata 17 ta' Marzu, 2005 kontra l-konvenut u ta' ittra uffiċjali oħra ippreżentata kontestwalment ma' dan l-avviż kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, <u>bl-imgħax kontra l-istess konvenut</u> li hu minn issa nġunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Paul Galea fejn ingħad:-

1. L-inċident tat-traffiku mertu ta' din il-kawża ġara unikament bi ħtija ta' Mary Josephine Grech li kienet issuq il-vettura numru EBF 714. Għalhekk l-eċċipjent mhux responsabbli għad-danni allegatament mġarrba mill-atturi.

2. Għalhekk fejn jirrigwarda l-eċċipjent ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe każ u **<u>bla preġudizzju għall-premess,</u>** l-atturi għandhom iġibu l-prova skond il-liġi tal-quantum tad-danni minnhom allegatament subiti.

3. Inoltre ma hemmx lok għall-kundanna ta' l-eċċipjent għall-ħlas ta' danni favur l-atturi.

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.

5. Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-ħabta saret bejn vettura u mutur fuq ir-“roundabout” li tagħti għall-Wied Blandun lejn il-Fgura, Cospicua Road lejn Raħal Ġdid, it-Triq li tagħti għall-Moscea u ddur id-dawra u tiġbed lejn Corradino Industrial Estate u lura lejn id-Dockyard.

Huwa kontestat minn fejn ġie l-mutur.

A tempo vergine meta kellem lill-Pulizija l-konvenut qal li kellu sieħbu riekeb fuq il-mutur u kien ġej mill-Fgura fid-direzzjoni tal-Belt u dana fis-27 ta’ Ottubru 2003.

Sussegwentement fil-15 ta’ Diċembru ta’ l-istess sena huwa biddel il-verżjoni tiegħu fis-sens illi huwa qal li kien ġej min-naħa ta’ Bormla u mhux min-naħa tal-Fgura. Meta xehed huwa kkonferma l-istess verżjoni pero` x-xhud tiegħu naqas li jipproduċih biex jagħti x-xhieda tiegħu ukoll.

Jibqa’ għalhekk il-verżjoni mogħtija miż-żewġ sewwieqa.

L-attriċi tallega li l-mutur ma ġiex minn warajha, min-naħa tad-Dockyard, izda ħareġ minn fuq l-“istop sign” tal-Wied Blandun il-Fgura, kif inhi magħrufa l-Benniena kif oriġinarjament stqarr l-istess xufier konvenut.

Il-kreddibilita` tal-konvenut hija ferm dibattibli. Waħda fuq ir-reazzjoni dakinhar ta’ l-inċident għax kif stqarret l-istess attriċi r-reazzjoni tiegħu u tal-passiġġier sieħbu kienet ferm vjolenti u inċivilizzata għall-aħħar.

Hija ferm ħasra li l-passiġġier tal-konvenut ma ġiex prodott bħala xhud għax għall-anqas it-Tribunal kien ikollu xhieda ta’ terza persuna okulari li assistiet għall-istess inċident. Allura una volta li l-istess konvenut għażel li ma jipproċudihx tidħol in vigore allura l-probabilita` ta’ kif ġara l-inċident u t-Tribunal huwa propens illi jaċċetta l-verżjoni ta’ l-attriċi kif konfermata mill-istess konvenut a tempo vergine dakinhar ta’ l-inċident.

Il-mutur ħareġ minn fuq "stop sign" biex jisporġi u jaċċedi minn fuq "roundabout". Ried jikser il-karreġjata. L-attriċi riedet tmur fid-direzzjoni ta' Cospicua Road mentri l-konvenut allega li ried jiġbed lejn il-Moscea ta' Raħal Ġdid quddiem l-MCAST.

Una volta li ried joħroġ minn fuq "stop sign" għal fuq "roundabout" huwa kellu jieħu dawk il-prekawzjonijiet normali u fondamentali illi jaċċedi biss fuq "roundabout" meta ma jkunx jista jikkonstitwixxi ruħu ta' periklu għal terzi utenti ta' l-istess "roundabout", ħaġa illi b'mod l-aktar grossolan l-istess konvenut naqas li jadopera u għalhekk għandu jiġi ritenut unikament responsabbli għall-istess inċident.

Fil-konfront ta' l-attriċi t-Tribunal ma jara l-ebda possibilita` li għandha tiġi ritenuta responsabbli għall-inċident jew b'xi mod jew manjiera setgħet b'xi mod ikkuntribwiet għall-istess okkorrenza ta' l-inċident.

Illi għalkemm id-danni ġew kontestati, l-atturi ppreżentaw irċevuta tad-danni minnhom sofferti u għalhekk qed jiġu akkordati.

Jiddeċiedi għalhekk illi jiċħad l-eċċezjoni tal-konvenuti, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' mija u sbatax-il lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm 117.88) bl-ispejjeż u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------